СЪД НА ЕВРОПЕЙСКИТЕ ОБЩНОСТИ
TRIBUNAL DE JUSTICIA DE LAS COMUNIDADES EUROPEAS
SOUDNÍ DVŮR EVROPSKÝCH SPOLEČENSTVÍ
DE EUROPÆISKE FÆLLESSKABERS DOMSTOL
GERICHTSHOF DER EUROPÄISCHEN GEMEINSCHAFTEN
EUROOPA ÜHENDUSTE KOHUS
ΔΙΚΑΣΤΗΡΙΟ ΤΩΝ ΕΥΡΩΠΑΪΚΩΝ ΚΟΙΝΟΤΗΤΩΝ
COURT OF JUSTICE OF THE EUROPEAN COMMUNITIES
COUR DE JUSTICE DES COMMUNAUTÉS EUROPÉENNES
CÚIRT BHREITHIÚNAIS NA gCÓMHPHOBAL EORPACH
CORTE DI GIUSTIZIA DELLE COMUNITÀ EUROPEE
EIROPAS KOPIENU TIESA
EUROPOS BENDRIJŲ TEISINGUMO TEISMAS
AZ EURÓPAI KÖZÖSSÉGEK BÍRÓSÁGA
IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ
HOF VAN JUSTITIE VAN DE EUROPESE GEMEENSCHAPPEN
TRYBUNAŁ SPRAWIEDLIWOŚCI WSPÓLNOT EUROPEJSKICH
TRIBUNAL DE JUSTIÇA DAS COMUNIDADES EUROPEIAS
CURTEA DE JUSTIȚIE A COMUNITĂȚILOR EUROPENE
SÚDNY DVOR EURÓPSKYCH SPOLOČENSTIEV
SODIŠČE EVROPSKIH SKUPNOSTI
EUROOPAN YHTEISÖJEN TUOMIOISTUIN
EUROPEISKA GEMENSKAPERNAS DOMSTOL

CVRIA
LUXEMBOURG

Stampa u Informazzjoni

**KOMUNIKAT STAMPA Nru 01/08**

14 ta' Jannar 2008

* * *

# MEMBRU ĠDID TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

*Udjenza solenni ta' l-14 ta' Jannar 2008*

Permezz ta' deċiżjoni tar-rappreżentanti tal-gvernijiet ta' l-Istati Membri tal-Komunitajiet Ewropej tat-3 ta' Diċembru 2007, Jean-Jacques Kasel inħatar imħallef tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej sas-6 ta' Ottubru 2009.

Jean-Jacques Kasel jissostitwixxi lil Romain Schintgen, li kien imħallef tal-Qorti tal-Prim'Istanza mill-25 ta' Settembru 1989 sal-11 ta' Lulju 1996 u mħallef tal-Qorti tal-Ġustizzja mit-12 ta' Lulju 1996.

Illum inżammet udjenza solenni fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-okkażjoni tat-tluq ta' Romain Schintgen u tad-dħul fil-kariga ta' Jean-Jacques Kasel.

**Jean-Jacques Kasel**

imwieled fl-1946; gradwat fil-liġi, bi speċjalizzazzjoni fil-liġi amministrattiva (ULB, 1970); lawreat mill-IEP ta' Pariġi (Ecofin, 1972); avukat staġista; konsulent ġuridiku tal-Banque de Paris et des Pays-Bas (1972-1973); attaché, u wara uffiċjal fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin (1973-1976); president tal-gruppi ta' ħidma tal-Kunsill tal-Ministri (1976); l-Ewwel Segretarju ta' l-ambaxxata, rappreżentant permanenti aġġunt għall-OCDE (Pariġi, 1976-1979); kap tal-kabinett tal-viċi president tal-gvern (1979-1980); president tal-Kooperazzjoni Politika Ewropea (1980); konsulent, u wara kap tal-kabinett aġġunt tal-President tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (1981); direttur tal-baġit u ta' l-istatut mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Ministri (1981-1984); chargé de mission mar-rappreżentanza permanenti għall-Komunitajiet Ewropej (1984-1985); president tal-kumitat tal-baġit; ministru plenipotenzjarju, direttur għall-Affarijiet Politiċi u Kulturali (1986-1991); konsulent diplomatiku tal-Prim Ministru (1986-1991); ambaxxatur fil-Greċja (1989-1991, mhux residenti), president tal-kumitat politiku (1991); ambaxxatur, rappreżentant permanenti għall-Komunitajiet Ewropej (1991-1998); president tal-Coreper (l-ewwel semestru 1997); ambaxxatur (Brussell, 1998-2002); rappreżentant permanenti għall-OTAN (1998-2002); maréchal tal-Qorti tal-Ġustizzja u kap tal-kabinett ta' l-Altezza Rjali Tiegħu l-Gran Duka (2002-2007).

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*Lingwi disponibbli: Kollha*

*Għal aktar informazzjoni, int mitlub tikkuntattja lil Christopher Fretwell*
*Tel: (00352) 4303 3205 Fax: (00352) 4303 3034*

*Filmati ta' l-udjenza formali huma disponibbli fuq EbS "Europe by Satellite",*
*servizz mogħti mill-Kummissjoni Ewropea,*
*Direzzjoni Ġenerali ta' l-Istampa u Komunikazzjoni*
*L-2920 il-Lussemburgu, Tel: (00352) 4301 35177 Fax: (00352) 4301 35249*
*jew B-1049 Brussell, Tel: (0032) 2 2964106 Fax: (0032) 2 2965956*